**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum tnax (12) ta' April 2024

Kawża Nru 1933/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rachel Aquilina)**

Vs

**Clint Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Clint Saliba**, iben Anthony u Mary nee Zammit imwieled Pieta, fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu 1989 u residenti Mayberry Court, Penthouse 8, Trejqet il-Barrieri, Zurrieq, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 167689(M) talli fid-dsatax (19) ta' Novembru 2023 għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (09.00hrs) fi Triq Sant' Andrija, Swieqi, Malta

(1) saq vettura numru ICJ 981 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;

(2) saq vettura numru ICJ 981 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-akkużat jiġi wkoll skwalifikat milli jżomm jew jkollu liċenzja tas-sewqan għall-perjodu taż-żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Rat id-dokument preżentati mid-difiża;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar id-dsatax (19) ta' Novembru 2023 il-Pulizija flimkien mal-Uffiċċjali min-naħa tal-LESA kienu qegħdin jagħmlu *road check* fi Triq Sant' Andrija, Swieqi, Malta. Dan in segwitu għall-awtorizzazzjoni bil-miktub maħruġa mill-Ispettur Gabria Gatt. Għall-ħabta tad-disgħa (9) ta' filgħodu (09.00hrs) il-Pulizija waqqfu vettura bin-numru ICJ 981 tal-għamla BMW. Is-sewwieq ġie identifikat li kien Clint Saliba u li kien wkoll sid l-istess vettura. L-identita tas-

sewwieq ġiet konfermata fuq il-post.  Minn verifiki magħmula dak il-ħin stess mill-uffiċjal tal-Pulizija PC 642 Agostino Scicluna u PS 2300 Denise Vella irriżulta li l-akkużat kellu l-liċenzja tas-sewqan personali tiegħu skaduta.  Din kienet skadiet fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu 2023.  Il-liċenzja tal-vettura kif wkoll il-polza ta' assikurazzjoni rigwardanti l-istess vettura kienu validi.  Il-Pulizija infurmaw lis-sewwieq li ma setax jsuq vetturi la darba kellu l-liċenzja tas-sewqan personali tiegħu skaduta u ġie infurmat li kienu sejrin jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu.  Il-karozza tneħħiet minn fuq il-post mill-passiġġiera li kienet mal-akkużat wara li l-Pulizija aċċertaw ruħhom li din kellha liċenzja valida tas-sewqan li kienet tippermettilha issuq il-vettura.

Ikkunsidrat;

Bħala provi l-Prosekuzzjoni ressqet l-affidavits ta' PC 462 Agostino Scicluna u ta' PS 2300 Denise Vella, l-uffiċjali tal-Pulizija involuti f'dan il-każ.  Esebiet wkoll ir-road check warrant li kien inħareġ.  Min-naħa tagħha d-difiża għajr għall-preżentazzjoni taċ-ċertifikat tal-assikurazzjoni tal-vettura u tal-kontroparti tal-liċenzja tas-sewqan tal-akkużat (li ikkonfermat li din kienet ġiet imġedda l-għada li l-akkużat ġie imwaqqaf mill-Pulizija), ma ressqet l-ebda prova oħra.  Għażlet biss li tagħmel sottomissjonijiet ta' natura legali in konnessjoni mal-akkużi li ġew maħruġa fil-konfront tal-akkużat.

Ikkunsidrat;

Bħala l-ewwel argument, id-difiża irriferiet għad-definizzjoni ta' liċenżja valida tas-sewqan fil-leġislazzjoni sussidjarja 65.18, preċiżament għall-artikolu 2 li jiddefinixxi liċenzja tas-sewqan valida bħala:

> *"liċenza tas-sewqan maħruġa jew mill-Awtorità, skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew maħruġa minn pajjiż ieħor li jkun rikonoxxut mill-Awtorità, u sakemm dik il-liċenza:*
>
> *(a) ma tkunx ġiet sospiża, meħuda lura jew kanċellata;*
> *(b) tkopri l-kategorija tal-vettura li tkun qed tinsaq, u*
> *(c) tkun użata mill-possessur tagħha skond xi kundizzjonijiet li jkun hemm fil-liċenza tas-sewqan."*

Argumentat li t-tiġdid tal-liċenzja ma tissemmiex fl-istess definizzjoni ta' liċenzja valida u allura skont id-difiża għal-leġislatur liċenzja mhix imġedda xorta għandha tiġi klassifikata bħala liċenzja valida.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Fl-ewwel lok fl-istess definizzjoni ikkwotata mid-difiża preċiżament fil-paragrafu (c), il-liġi **<u>tagħmilha ċara li tali liċenzja trid tiġi użata skont il-kundizzjonijiet li jkun hemm fil-liċenzja tas-sewqan</u>**. (Enfażi tal-Qorti). Għall-Qorti dan neċessarjament jinkludi li l-liċenzja tas-sewqan tista' tintuża biss tul il-

perijodu ta' validita tagħha u mhux wara. Bl-argument tagħha d-difiża qed tipprova tissuġġerixxi li liċenzja għandha titqies li tibqa' valida anke wara d-data tal-iskadenza tagħha. Dan ma jagħmilx sens għaliex inkella it-terminu ta' validita ta' liċenzja jiġi li huwa superfluwu. Dan żgur li l-leġislatur ma ridux. Infatti fir-regolament 44(1) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja, il-leġislatur stabilixxa terminu ta' għaxar (10) snin bħala t-terminu ta' validita ta' liċenzja maħruġa. Tant kemm il-leġislatur ma riedx li liċenzja tkompli titqies li hija valida meta din tkun skadiet li fil-każ ta' persuni li jagħlqu s-sebgħin (70) sena it-tiġdid isir biss suġġett li jiġi preżentat ċertifikat mediku li jikkonferma s-saħħa fiżika tal-persuna li tkun trid iġġedded il-liċenzja.[1] Jekk dan iċ-ċertifikat ma jiġix preżentat il-liċenzja ma tiġġeddidx. F'tali każ dik il-persuna ma tibqax awtorizzata li issuq il-vettura. Ma kien ikun hemm l-ebda ħtieġa ta' tali kundizzjoni li kieku liċenzja la darba tinħareġx tibqa' titqies li hija liċenzja valida għal dejjem.

Mill-provi irriżulta li l-liċenzja tal-akkużat kienet ilha skaduta kważi tmien (8) xhur. Madanakollu huwa xorta kien qed issuq vettura. B'hekk ġie li l-akkużat ikkommetta r-reat taħt l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 għax l-akkużat ma setax isuq. Fis-sentenza ikkwotata mill-istess difiża Il-**<u>Pulizija vs Joseph Ciscaldi</u>**,[2] il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlitha ċara li persuna li jkollha l-liċenzja tas-sewqan tagħha skaduta mhix awtorizzata

[1] Ara regolament 45 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18.
[2] Appell Kriminali Numru 3/2006 deċiż fid-29 ta' Marzu 2006.

issuq vetturi u jekk tagħmel hekk tkun qed tikkommetti r-reat ipotizzat fl-artikolu 15(1)(a):

> *"Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J.) fil-kawza "Il-Pulizija vs. Paul Zammit" [25.8.1995], hu evidenti li meta persuna ma ggeddidx il-licenzja tas-sewqan, hi ma tistax issuq vettura bil-mutur f' xi wahda mill-kategoriji li ghaliha tirriferi dik il-licenzja u, jekk taghmel hekk, tkun passibbli taht l-artikolu 15 (1)(a). Fi kliem iehor, jekk persuna li ghandha licenzja tas-sewqan ma ssegwix il-procedura indikata fir-Regolament 53 (2) tat-Motor Vehicle Regulations (jigifieri li tinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku, qabel l-iskadenza tal-licenzja, li mhix bi hsiebha ssuq vettura bil-mutur u tikkonsenja l-istess licenzja lill-imsemmi Kummissarju jew Awtorita') dik il-persuna tista' tigi imharrka talli naqset li ggedded il-licenzja tas-sewqan. Jekk pero', oltre li naqset li ggedded il-licenzja, dik il-persuna ssuq ukoll meta dik il-licenzja ma tkunx ghadha giet imgedda allura titqies, ghall-finijiet tal-art. 15(1) (a) li saqet karozza minghajr licenzja tas-sewqan."*

L-istess sentenza għalhekk twaqqa' kompletament it-teżi tad-difiża.

Tenut kont li l-liċenzja tas-sewqan tal-akkużat kienet ilha li skadiet kważi tmien (8) xhur, il-Qorti issibha diffiċli biex temmen li dan sar bi svista. L-akkużat kellu żmien biżżejjed biex jirregola ruħu; dan m'għamlux. It-tiġdid tal-liċenzja sar biss wara li huwa twaqqaf fir-road block li wassal għal dawn il-proċeduri. Għalkemm il-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova speċifika dwar meta sar it-tiġdid tal-liċenzja, tali prova għamlitha d-difiża stess bid-dokument li hija preżentat minn fejn joħroġ biċ-ċar li l-akkużat ġedded il-liċenzja fl-għoxrin (20) ta' Novembru 2023. Din l-ewwel akkuża għalhekk tirriżulta li ġiet sodisfacentement ippruvata.

Għar-rigward it-tieni akkuża u ċioe dik li l-akkużat saq vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni, id-difiża tiċċita l-pronunċjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Ciscaldi suriferita. F'dik is-sentenza l-Qorti kienet qalet li la darba kienet teżisti polza ta' assikurazzjoni, kien jispetta lill-Prosekuzzjoni tipprova li l-akkużat ma kienx sejjer ikun kopert b'tali polza għaliex ma kellux liċenzja tas-sewqan.

Din il-Qorti pero tqis li l-pronunċjament li kienet għamlet dik il-Qorti illum ġie superat bi pronunċjamenti ħafna aktar riċenti. Il-posizzjoni li ġiet addottata issa b'mod konsistenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi sentenzi fosthom **Il-Pulizija vs Mohammed Knaan** hija li persuna li ma jkollhiex liċenzja tas-sewqan ma tistax titqies li tkun koperta b'polza ta' assikurazzjoni valida hekk kif rikjest mill-artikolu 3(1) tal-Kap. 104. Biex tiġi eliminata r-responsabbilita kriminali b'rabta mar-

reat ipotizzat fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104, l-akkużat **<u>ried attivament jipprova</u>** illi kien personalment kopert taħt il-polza tal-assikurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura minkejja li huwa f'dak iż-żmien kien sprovvist mil-liċenzja tas-sewqan valida għaliex din kienet skaditlu. Dan fl-aħħar mill-aħħar huwa dak li jirrikjedi l-leġislatur fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104: illi l-polza ta' assikurazzjoni tkun tkopri il-persuna li tkun effettivament qiegħda tuża l-vettura.

Fil-każ in eżami l-akkużat din il-prova ma ġabhiex. Sostna li tali prova riedet tagħmilha l-Prosekuzzjoni. Madanakollu din il-Qorti tqis li fil-każ in eżami u anke in linea ma' dak li jistabilixxi l-artikolu 3(1A) tal-Kap. 104 l-oneru ta' din il-prova kien jispetta lill-akkużat. Dan l-oneru l-akkużat ma skarikahx u allura din il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib ħtija wkoll f'din it-tieni akkuża. Dan in vista li fiż-żmien li seħħ il-każ odjern l-akkużat kien qed isuq vettura meta kellu l-liċenzja tas-sewqan skaduta u allura ma kienx adegwatament kopert hekk kif jimponi l-leġislatur fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 u l-artikoli 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kap. 104 qed issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' elfejn u erba' mitt

ewro (€ 2,400). In oltre l-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta’ tnax -il xahar mil-lum.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**